Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 317/2015

**Brian Farrugia (appellant)**

**Vs**

**Redeemer Casha (appellat)**

12 ta' Novembru, 2018.

1. B'sentenza tal-14 ta' Frar, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u disghin ewro (€4,697), bl-imghax mid-data tas-sentenza u l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs. Il-hlas dovut b'riferenza ghal oggetti li l-attur xtara u hallas f'isem il-konvenut.

2. L-attur appella mis-sentenza. L-aggravji tal-konvenut huma li:

   i. Ma jaqbilx mal-konteggi li saru mill-ewwel qorti.
   ii. L-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut ghaliex hu kien inadempjenti.
   iii. F'proceduri ghall-hrug ta' kontromandat, il-konvenut ma nghatax ragun.

3. Ghaldaqstant, l-attur talab:

   *"… li filwaqt li jigi konfermat li l-konvenut huwa debitur tal-attur, it-talba kif reklamata ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u sittin ewro (€10,365) tigi akkolta in toto kif maghmula, il-kap tal-ispejjez jigi adebitat lill-konvenut u l-penali imposta fil-kontro-mandat tigi revokata contrario imperio".*

4. Il-konvenut ma wegibx.

5. Il-kwistjoni hi dwar spejjez ghax-xiri ta' 'materja prima' relatati mal-bini ta' karru tal-karnival. L-attur xehed li l-oggetti kienu *"channels tal-hadid, bhal pistons, xoghol tal-hydraulic, generator, dwal u hemm hafna affarijiet ohra"*. Fir-rikors li bih bdiet il-kawza, l-attur talab il-hlas ta' ghaxart elef tlett mija u hamsa u sittin ewro (€10,365).

6. Il-konvenut xehed, *"fl-opinjoni tieghi m'ghandux jiehu aktar minn tmint'elef ewro"* (fol. 12). Min-naha l-ohra l-attur xehed li bhala spejjez ghax-xiri ta' *'materja prima'* fl-ewwel sitt xhur kien hallas hamest elef ewro (€5,000) (fol. 17). Xehed ukoll li l-konvenut kien hallsu s-somma ta' elfejn tlett mija u tlett ewro (€2,303) (fol. 17-18).

7. L-attur fl-ebda fl-ebda stadju tal-provi ma pprezenta rendikont tal-ispejjez li qieghed ighid li ghamel u wisq inqas ma pprezenta ricevuti tal-pagamenti li suppost ghamel.

8. L-ewwel aggravju hu dwar il-fatt li l-konvenut xehed li *"fl-opinjoni tieghi m'ghandux jiehu aktar minn tmint'elef ewro"*. L-ewwel qorti qalet:

> *"Illi kif ga ntqal ir-rikorrent ma gab l-ebda prova ta' kif wasal ghall-ammont li qed jitlob minn ghand l-intimat. L-intimat pero' jammetti li fl-opinjoni tieghu r-rikorrent ghandu jiehu tmint'elef Euro. Minn dan l-ammont ghalhekk ghandha titnaqqas is-somma ta' tlett elef tlett mija u tlett Ewro li r-rikorrent jghid li gia rcieva minghand l-intimat. Il-bilanc ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u disghin Ewro ghalhekk ghadu dovut mill-intimat lir-rikorrent"*.

9. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva:

   i. L-attur xehed li rcieva €1,470 fi tlett pagamenti (€270 fl-ahhar ta' Settembru + €200 f'Ottubru + €1,000 f'Novembru). Imbaghad sar pagament iehor ta' €833. Ghalhekk it-total hu €2,303 u mhux €3,303 kif qalet l-ewwel qorti. Hu minnu li fit-traskrizzjoni tissemma s-somma ta' €2,470 (fol. 18), pero' t-total tal-ewwel tlett pagamenti hu ta' €1,470 u mhux €2,470.

ii. Meta l-attur xehed li fil-fehma tieghu l-attur ma kellux jiehu iktar minn €8,000, ma qalx li minn dik is-somma kellha titnaqqas il-pagamenti li kien ghamel lill-attur. Ghalhekk it-tnaqqis li ghamlet l-ewwel qorti ma kienx gustifikat. Minn dak li xehed il-konvenut hu car li xehed fil-prezent, tant hu hekk li qal li l-attur *"m'ghandux jiehu aktar"*.

iii. Dak li ddikjara l-konvenut hi fiha nnifisha ammissjoni.

iv. Pero' mhemmx bazi li l-qorti tilqa' t-talba tal-attur ghas-somma ta' €10,365 meqjus li l-attur ma pprezentax rendikont tal-ispejjez u hemm ukoll il-pagamenti li saru mill-konvenut.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-konvenut ma kellux ikun ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha stante li fir-rikors promotur l-attur talab somma ikbar minn dik li eventwalment irrizulta li kienet dovuta lilu. Ghalhekk it-tieni aggravju hu michud.

11. Ghal dak li jirrigwarda id-decizjoni tal-ewwel qorti tas-17 ta' Gunju, 2016 li nghatat fir-rikors numru 48/2016 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 2319/2015: **Brian Farrugia vs Redeemer Casha**, laqat it-talba ghar-revoka tal-att kawtelatorju 2319/2015. L-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 stess jipprovdi li, *"Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li* ***jilqa' rikors*** *immsemmi fis-subartikolu (1)"*. Ma jirrizultax li dik id-decizjoni nghatat f'din il-kawza. Il-procedura ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju taht l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 u hlas ta' penali taht l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, saret bhala procedura separata mill-kawza. Tant hu hekk li fl-atti tal-kawza mhemmx ir-rikors 48/2016 u l-atti l-ohra relatati mieghu. Sahansitra l-attur ipprezenta kopja tad-digriet (ara nota a fol. 59). Fid-digriet stess (ara l-ahhar paragrafu tat-tieni faccata) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet distinzjoni bejn il-kawza u l-procedura ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 2319/2015. Fatti li jikkonfermaw li d-digriet tas-17 ta' Gunju, 2016 ma nghatax fil-kawza. Ghaldaqstant, appell ma setax isir wara s-sentenza tal-14 ta' Frar, 2018. Fic-cirkostanzi t-tielet aggravju hu michud ukoll.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq, u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti tal-14 ta' Frar, 2018 fis-sens li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef ewro (€8,000). L-imghax jithallas skont ma ddecidiet l-ewwel qorti gialadarba ma kienx hemm aggravju dwaru. Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-konvenut u 25% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.